**Malta fl-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2023:**

**Progress u sfidi fil-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri**

Fl-**Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2023** li ġie ppubblikat dan l-aħħar, Malta kklassifikat fl-14-il post fost is-27 Stat Membru tal-UE fejn kisbet 67.8 punt minn 100. Filwaqt li dan juri titjib mill-punteġġ tas-sena l-oħra, li kien ta' 65.6 punt, il-klassifika ġenerali ta' Malta niżlet b'post wieħed mit-13-il post għall-14-il post u iss qiegħda 2.4 taħt il-medju tal-UE.

Mill-2010, Malta għamlet progress ta' min ifaħħru, b'żieda konsiderevoli ta' 13.4 punt fil-punteġġ tal-Indiċi, wieħed mill-ogħla fost l-Istati Membri tal-UE. B'mod partikolari, mill-2020 'l hawn, il-punteġġ globali ta' Malta żdied b'2.2 punti, l-aktar minħabba titjib fl-oqsma tal-għarfien (+ 4.9 punti) u l-poter (+ 4.9 punti).

L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri huwa għodda importanti għall-monitoraġġ tal-progress tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri madwar l-UE matul iż-żmien. Dan l-Indiċi jkejjel id-differenzi bejn il-ġeneri f'sitt oqsma ewlenin li huma:  ix-xogħol, il-flus, l-għarfien, il-ħin, il-poter, u s-saħħa, billi juża skala minn 1 (inugwaljanza totali) għal 100 (ugwaljanza totali).

Il-prestazzjoni ta' Malta tispikka fil-**qasam tax-xogħol**, fejn il-pajjiż jikseb it-tielet post fost l-Istati Membri kollha tal-UE, b'punteġġ ta' 80.0 punt. Malta għandha l-aħjar prestazzjoni fis-subdominju tas-segregazzjoni u l-kwalità tax-xogħol, li fih hija kklassifikata fit-tieni fost il-pajjiżi kollha tal-UE sa mill-2010.

Id-differenzi bejn il-ġeneri jippersistu fil-**qasam tal-flus**. In-nisa mhux biss jipparteċipaw inqas mill-irġiel fis-suq tax-xogħol, iżda wkoll jaqilgħu inqas meta jkunu qed jaħdmu. Malta tikseb 83.3 punt f'dan il-qasam, kemxejn inqas mill-2020 iżda b'0.7 punti aktar mill-medja tal-UE. L-adozzjoni reċenti tad-Direttiva l-ġdida dwar it-Trasparenza fil-Pagi, li tirrikjedi li min iħaddem jiżvela informazzjoni dwar il-pagi, tirrappreżenta pass sinifikanti lejn l-indirizzar ta' dawn id-differenzi fil-pagi u l-pensjonijiet bejn il-ġeneri fl-UE.

Malta rat titjib notevoli fil-**qasam tal-għarfien** li żdied b'4.9 punti, u b'hekk il-klassifikazzjoni ta' Malta għal dan il-qasam telgħet mid-disa' post għar-raba' post. Titjib fis-subdominju tas-

segregazzjoni kien il-fattur ewlieni għal din il-bidla, fejn Malta żiedet 5.7 punti. Malta rat titjib ukoll fis-subdominju tal-ksib u l-parteċipazzjoni, li fih kisbet 72.3 punt u kklassifikat fl-14-il post mill-2020.

L-indiċi ta' din is-sena jintroduċi aġġornament importanti fil-**qasam tal-ħin**, ibbażat fuq l-istħarriġ tal-EIGE dwar id-differenzi bejn il-ġeneri fil-kura mhux imħallsa u l-attivitajiet soċjali. Il-punteġġ ta' Malta f'dan il-qasam naqas b'4.8 punti mill-2020, li rriżulta fi tnaqqis fil-klassifikazzjoni mit-13-il post għall-24-il post, bi tnaqqis sinifikanti fis-subdominju tal-attivitajiet soċjali. Madankollu, ġiet irreġistrata żieda sostanzjali ta' 8.6 punti fis-subdominju tal-attivitajiet ta' kura.

Malta għandha wkoll l-isfidi tagħha fil-**qasam tal-poter**, fejn tikseb 45.3 punt u tikklassifika fid-19-il post. Għalkemm il-pajjiż għamel progress, u żied il-punteġġ b'4.9 punti mill-2020, xi Stati Membri oħra avvanzaw aktar malajr, u b'hekk żammew il-klassifika ta' Malta l-istess. B'mod partikolari, is-subdominju tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' natura politika joffri l-aktar lok għal titjib, fejn Malta tikseb 39.8 punt, u tikklassifika fit-22 post. Kif intqal is-sena l-oħra, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) tantiċipa bil-ħerqa indiċi futuri f'dan il-qasam, li għandhom jirrikonoxxu ż-żieda fin-numru ta' nisa fil-Parlament wara l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu korrettiv tal-ġeneri fl-elezzjoni ġenerali tal-2022.

B'enfasi fuq l-impatti tal-pandemija tal-COVID-19, l-indiċi juri li Malta tmur l-aħjar fil-**qasam tas-saħħa**, b'87.4 punt, ftit inqas mill-medja tal-UE.

Fil-**qasam tal-vjolenza**, Malta rreġistrat l-inqas rata ta' femiċidju fl-UE, fejn l-ebda mara ma nqatlet minn sieħeb intimu, membru tal-familja jew qarib fl-2021. F'Malta, 26% tan-nisa li qatt kienu f'xi relazzjoni sofrew vjolenza minn sieħeb intimu matul il-ħajja adulta, waqt li aktar minn kwart tan-nisa li qatt ħadmu sofrew fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol.

L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2023 jiffoka fuq it-traspożizzjoni soċjalment ġusta tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u jħares lejn id-differenzi bejn il-ġeneri f'attivitajiet mhux imħallsa, inklużi rabtiet mat-trasport, l-ambjent u l-konsum u l-imġiba personali.

B'mod partikolari, fl-2022, in-nisa Maltin (42%) urew tendenza ogħla mill-irġiel (28%) li jagħmlu għażliet favur l-ambjent fl-attivitajiet tal-indukrar tat-tfal. Dawn jinkludu l-evitar ta'

oġġetti li jintużaw darba biss, ix-xiri ta’ oġġetti użati, u l-edukazzjoni tat-tfal taħt il-kura tagħhom dwar kwistjonijiet ambjentali. Madankollu, jidher li l-Maltin huma inqas probabbli li jagħżlu modi ta’ trasport b’emissjonijiet tal-karbonju baxxi meta mqabbla mal-bqija tal-UE.

L-NCPE tirrikonoxxi u tissorvelja mill-qrib il-pożizzjoni ta' Malta fil-Indiċi tal-Ugwaljanza tal-2023. Filwaqt li rat progress f'ċerti oqsma, tagħraf ukoll l-sfidi li għadhom persistenti li jeħtieġu l-attenzjoni u l-impenn kollettiv tagħna.

**24 ta’ Ottubru 2023**